Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2468

6.11.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2468

tal-5 ta' Novembru 2026

li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/2881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-dettalji tekniċi għall-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet mir-risospensjoni ta' partikolati wara t-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa fit-toroq, kif ukoll l-informazzjoni korrispondenti li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2024/2881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2024/2881 tistabbilixxi standards tal-kwalità tal-arja, u monitoraġġ u rapportar tal-kwalità tal-arja biex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

(2) Id-Direttiva (UE) 2024/2881 tippermetti lill-Istati Membri jeskludu żoni li fihom il-fatt li jinqabżu l-valuri ta' limitu tal-materja partikolata (PM_{10}) huwa attribwibbli lir-risospensjoni ta' partikolati wara t-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa fit-toroq mill-obbligu li jiġi stabbilit il-pjan dwar il-kwalità tal-arja diment li jkunu ttieħdu miżuri raġonevoli biex jitnaqqsu tali konċentrazzjonijiet tal-PM_{10}.

(3) Id-Direttiva (UE) 2024/2881 tistabbilixxi l-possibbiltà li jitnaqqsu l-kontributi li jwasslu biex jinqabżu l-valuri ta' limitu tal-PM_{10} attribwibbli lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa fit-toroq meta tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalità tal-arja. It-tnaqqis ta' dawk il-kontributi ma jridx jipprevjeni lill-Istati Membri milli jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-impatt tagħhom fuq is-saħħa.

(4) F'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/2881, il-Kummissjoni trid tipprovdi dettaji tekniċi dwar kif jiġi ddeterminat li l-fatt li jinqabeż valur ta' limitu huwa dovut għar-risospensjoni ta' partikolati wara t-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa fit-toroq u dettalji dwar id-dokumentazzjoni u l-evidenza li jridu jiġu pprovduti. Jeżistu metodoloġiji differenti biex jintwera li l-fatt li jinqabeż valur ta' limitu huwa dovut għar-risospensjoni ta' partikolati wara t-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa u huwa mistenni li jevolvu fil-futur. Għalhekk jixraq li jiġu pprovduti dettalji tekniċi rigward l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-kontribuzzjoni mit-trab sospiż mill-ġdid irrispettivament mill-metodi u l-metodoloġiji li jintużaw diment li jikkonformaw ma' ċerti prinċipji li jiżguraw ir-robustezza tagħhom. Id-Dokument ta' Appoġġ Tekniku dwar id-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għat-tniġġis tal-arja attribwibbli għar-risospensjoni ta' partikolati wara t-tixrid tar-ramel jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa fit-toroq skont id-Direttiva (UE) 2024/2881 ([2]) jirrifletti l-aħjar prattiki attwali applikati mill-Istati Membri.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali,

([1]) ĠU L, 2024/2881, 20.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2881/oj.

([2]) Determination of contributions to air pollution attributable to winter sanding and salting of roads – Technical support document on the determination of contributions to air pollution attributable to the re-suspension of particulates following winter sanding or salting of roads under Directive (UE) 2024/2881, Novembru 2026, ISBN 978-92-68-44150-3.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "tixrid tar-ramel fix-xitwa" tfisser id-dispersjoni ta' materjal minerali għall-kontroll tat-trazzjoni fuq wiċċ it-triq;

(2) "tixrid tal-melħ fix-xitwa" tfisser id-dispersjoni ta' melħ jew salmura jew soluzzjoni ta' melħ għall-kontroll tat-trazzjoni fuq wiċċ it-triq;

(3) "partikoli risospiżi" tfisser materja partikolata akkumulata fuq wiċċ it-triq jew fuq il-bankina u dispersa fl-arja mill-ġdid mit-traffiku jew mir-riħ;

(4) "materja partikolata ħoxna" jew "PM ħoxna" tfisser id-differenza bejn konċentrazzjonijiet ambjentali tal-PM_{10} u tal-$PM_{2,5}$;

(5) "metodu ta' frazzjoni tal-PM ħoxna" tfisser il-metodu li jattribwixxi 50 % tal-frazzjoni tal-materja partikolata ħoxna lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa.

(6) "jum tal-valutazzjoni tat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew tat-tixrid tal-melħ fix-xitwa" tfisser jum kalendarju li fih il-valur ta' limitu ta' kuljum tal-PM_{10} stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/2881 jinqabeż f'punt ta' kampjunar u li għalih Stat Membru jipprova juri li l-fatt li jinqabeż valur ta' limitu huwa attribwibbli għar-risospensjoni ta' partikolali wara t-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa fit-toroq.

Artikolu 2

Prinċipji għad-determinazzjoni tal-kontributi mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa

Għall-iskop li jintwera li l-fatt li jinqabżu l-valuri ta' limitu tal-PM_{10} huwa attribwibbli lir-risospensjoni ta' partikolati wara t-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

(a) jipprovdu dimostrazzjoni robusta li l-kontributi li jwasslu għall-fatt li jinqabżu l-valuri ta' limitu jistgħu jiġu attribwiti b'mod inekwivoku lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa;

(b) jipprovdu kwantifikazzjoni tal-kontributi attribwiti lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa li tkun preċiża u akkurata biżżejjed kif ukoll xierqa għall-perjodu li fuqu tinħadem il-medja tal-valur ta' limitu;

(c) juru li l-punt tal-kampjunar li għalih jiġu ddeterminati l-kontributi huwa rappreżentattiv taż-żona affettwata mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa;

(d) jipprovdu biżżejjed evidenza tal-applikazzjoni ta' miżuri raġonevoli biex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet tal-PM_{10} assoċjati mal-partikoli risospiżi;

(e) jipprovdu biżżejjed informazzjoni dwar il-metodu li jintuża biex jiġu ddeterminati l-kontributi mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa.

Artikolu 3

Identifikazzjoni tal-jiem b'kontribut potenzjali mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa

1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-jiem b'kontribut potenzjali mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5.

2. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw episodji ta' risospensjoni attribwiti lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa f'każijiet li fihom tkun seħħet imqar applikazzjoni waħda tat-tixrid tar-ramel qabel il-jum tal-valutazzjoni matul l-istaġun tax-xitwa u billi jivvalutaw l-evidenza li tappoġġa l-fatt li l-materjal tat-tixrid tar-ramel baqa' disponibbli għar-risospensjoni fil-jum tal-valutazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw episodji ta' risospensjoni attribwiti lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa filwaqt li jqisu t-twaqqit tal-iżjed applikazzjoni reċenti tat-tixrid tal-melħ fiż-żona qabel il-jum tal-valutazzjoni matul l-istaġun tax-xitwa kif ukoll it-temperatura, il-preċipitazzjoni u l-kundizzjonijiet ta' wiċċ it-triq bejn l-applikazzjoni tat-tixrid tal-melħ u l-jum tal-valutazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw episodji ta' risospensjoni attribwiti lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa filwaqt li jqisu:

(a) il-prossimità tal-punt tal-kampjunar għaż-żona li fiha tkun seħħet l-applikazzjoni tat-tixrid tal-melħ jew tat-tixrid tar-ramel;

(b) l-influwenza possibbli tal-kontribut fuq distanza twila għall-konċentrazzjonijiet tal-PM_{10};

(c) in-nixfa tal-wiċċ tat-triq fil-jum tal-valutazzjoni murija minn osservazzjonijiet meteoroloġiċi jew minn kwalunkwe metodoloġija xierqa oħra.

5. L-Istati Membri għandhom juru li l-ebda sors ieħor ma kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-episodji ta' risospensjoni attribwiti lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa jew ma kkontribwixxa b'mod sinifikanti għaż-żieda fil-konċentrazzjonijiet tal-PM_{10}.

Artikolu 4

Kwantifikazzjoni tal-kontributi mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa

1. L-Istati Membri għandhom jikkwantifikaw il-kontribut mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa billi japplikaw metodu xieraq li jikkonforma mal-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 2, il-punt (b), u mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Meta d-data u l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' metodi xierqa oħra biex jiġu kkwantifikati l-kontribuzzjonijiet mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa ma jkunux disponibbli, l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-metodu ta' frazzjoni tal-PM ħoxna. Meta l-Istati Membri japplikaw il-metodu ta' frazzjoni tal-PM ħoxna, b'mod indipendenti jew flimkien ma' metodi oħra, huma għandhom jiżguraw li:

(a) tiġi kkalkolata frazzjoni għolja tal-PM ħoxna mqabbla ma' dik fil-punti tal-kampjunar mhux influwenzati mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa fit-toroq u l-proporzjon $PM_{2,5}/PM_{10}$ ikun ugwali għal 0,5 jew inqas;

(b) isir il-kampjunar u l-kejl tal-PM_{10} u l-$PM_{2,5}$ fl-istess punt tal-kampjunar u bl-istess metodu jew b'metodu ekwivalenti, jew jekk il-kejlijiet tal-$PM_{2,5}$ fl-istess punt tal-kampjunar ma jkunux disponibbli, il-konċentrazzjonijiet ta' dak il-$PM_{2,5}$ jiġu stmati bl-użu tal-proporzjon tal-$PM_{2,5}/PM_{10}$ f'punt tal-kampjunar komparabbli;

(c) it-tajers bl-istuds ma jintużawx fiż-żona tal-valutazzjoni jew jikkostitwixxu mhux iktar minn 1 % tal-użu tat-tajers.

3. Meta l-Istati Membri japplikaw metodu ta' analiżi kimika għall-kwantifikazzjoni tal-kontributi mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa, b'mod indipendenti jew flimkien ma' metodi oħra, huma għandhom jiżguraw li:

(a) tkun disponibbli informazzjoni dwar il-kompożizzjoni kimika tal-melħ li jintuża;

(b) il-kampjuni tal-PM_{10} fil-punt tal-kampjunar influwenzati mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa jew f'punt tal-kampjunar b'karatteristiċi simili jinġabru għal kull jum affettwat u jiġu analizzati f'konformità mal-metodu ta' referenza applikabbli jew ma' kwalunkwe metodu ekwivalenti;

(c) jiġu applikati metodi ta' kalkolu xierqa għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-materjal tat-tixrid tal-melħ għal kull jum affettwat.

4. Il-kontributi mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa għandhom jiġu ddeterminati f'kull punt tal-kampjunar ikkonċernat għal kull jum tal-valutazzjoni u għandhom jiġu espressi f'$\mu g/m^3$.

Id-data miksuba għall-kwantifikazzjoni tal-kontributi attribwibbli lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa permezz tal-użu ta' kejlijiet jew immudellar għandha tissodisfa l-objettivi rilevanti tal-kwalità tad-data stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva (UE) 2024/2881.

Meta ma jistax jintwera li l-konċentrazzjoni aġġustata ta' kuljum tal-PM_{10} hija taħt il-valur ta' limitu ta' kuljum applikabbli, il-fatt li jinqabeż il-valur ta' limitu ma għandux jiġi ttrattat bħala attribwibbli għat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew għat-tixrid tal-melħ fix-xitwa għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

5. L-Istati Membri jistgħu jqisu li l-fatt li jinqabeż il-valur ta' limitu tal-PM_{10} għall-perjodu li fuqu tinħadem il-medja ta' jum stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/2881 ("valur ta' limitu tal-PM_{10} ta' kuljum") huwa attribwibbli lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa meta l-konċentrazzjonijiet ta' kuljum tal-PM_{10} li jitnaqqsu mill-kontribut mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa ("konċentrazzjonijiet ta' kuljum aġġustati tal-PM_{10}") ma jaqbżux il-valur ta' limitu ta' kuljum tal-PM_{10} għall-jiem ikkonċernati.

6. L-Istati Membri jistgħu jqisu li l-fatt li jinqabeż il-valur ta' limitu tal-PM_{10} għall-perjodu li fuqu tinħadem il-medja tas-sena kalendarja stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2024/2881 ("valur ta' limitu annwali tal-PM_{10}") huwa attribwibbli lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa meta l-konċentrazzjoni annwali aġġustata tal-PM_{10} ma taqbiżx il-valur ta' limitu annwali tal-PM_{10} għas-sena kalendarja kkonċernata.

Meta jikkalkolaw il-konċentrazzjonijiet annwali aġġustati tal-PM_{10}, l-Istati Membri għandhom jużaw il-konċentrazzjonijiet ta' kuljum aġġustati tal-PM_{10} u ma jiskartawx il-valur ta' kuljum tal-PM_{10} mill-istatistika dwar meta jinqabeż il-valur ta' limitu wara li jidentifikaw influwenza tat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew tat-tixrid tal-melħ fix-xitwa għal jum partikolari.

7. Il-proċeduri għat-tnaqqis tal-kontributi tat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew tat-tixrid tal-melħ fix-xitwa għandhom jiġu applikati individwalment f'kull punt tal-kampjunar, u l-konċentrazzjonijiet ikkalkulati tal-PM_{10} għandhom jitqiesu bħala rappreżentattivi taż-żona ta' rappreżentattività spazjali tal-punt tal-kampjunar inkwistjoni.

Meta r-riżultati jkunu jridu jiġu applikati fuq skala spazjali differenti miż-żona ta' rappreżentattività spazjali tal-punt tal-kampjunar, tista' tiġi speċifikata żona rappreżentattiva madwar il-punt tal-kampjunar inkwistjoni filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-sors u l-mudelli ta' dispersjoni differenti tal-komponent tat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew tat-tixrid tal-melħ fix-xitwa.

Artikolu 5

Applikazzjoni ta' miżuri raġonevoli għat-tnaqqis tal-konċentrazzjoni tal-PM_{10}

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'evidenza tal-applikazzjoni ta' miżuri raġonevoli, bħall-prattiki ottimizzati tat-tixrid tar-ramel u tat-tixrid tal-melħ, it-tneħħija tal-borra, il-manutenzjoni tat-toroq, it-twaħħil tat-trab u t-tindif tat-toroq għat-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet tal-PM_{10} assoċjati ma' partikoli risospiżi minħabba t-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa.

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-evidenza msemmija fl-ewwel subparagrafu fil-forma ta' rapporti tekniċi f'konformità mal-Anness.

Artikolu 6

Dokumentazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiddokumentaw il-metodu applikat biex juru li kwalunkwe darba li jinqabżu l-valuri ta' limitu tkun dovuta għal partikoli risospiżi mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa. Għal dak l-għan, huma għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapporti tekniċi f'konformità mal-Anness.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapport tekniku

A. **Għan u ambitu:**

1. sena rrapportata;

2. dikjarazzjoni tal-iskop tar-rapport tekniku li jirreferi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2024/2881.

B. **Awtorità u korp kompetenti:**

1. Stat Membru;

2. l-isem tal-awtorità kompetenti jew tal-korp iddeżinjat;

3. deskrizzjoni tar-rwol u tal-involviment tal-awtorità kompetenti jew tal-korp iddeżinjat.

C. **Deskrizzjoni tas-sitwazzjonijiet meta jinqabeż il-valur ta' limitu li jkunu attribwibbli lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa:**

1. lista ta' żoni affettwati minn kontributi meta jinqabeż il-valur ta' limitu tal-istandards applikabbli tal-kwalità tal-arja attribwibbli lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa għas-sena rrapportata;

2. il-punti tal-kampjunar affettwati minn kontributi attribwibbli lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa;

3. l-għadd ta' drabi meta jinqabeż il-valur ta' limitu mkejjel ta' kuljum tal-PM_{10};

4. l-informazzjoni dwar is-sorsi tal-PM_{10} fiż-żoni affettwati;

5. il-konċentrazzjonijiet ta' kuljum tal-PM_{10} qabel u wara t-tnaqqis tal-kontribut tat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew tat-tixrid tal-melħ fix-xitwa għall-punti u għaż-żoni kollha ta' valutazzjoni;

6. l-għadd stmat ta' drabi meta l-valur ta' limitu ta' kuljum tal-PM_{10} wara t-tnaqqis tal-kontribut tat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew tal-melħ fix-xitwa;

7. il-konċentrazzjonijiet annwali tal-PM_{10} qabel u wara t-tnaqqis tal-kontribut tat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew tat-tixrid tal-melħ fix-xitwa għall-punti u għaż-żoni kollha ta' valutazzjoni (jekk ikun rilevanti).

D. **Deskrizzjoni tal-proċedura li tintuża biex jiġu ddeterminati l-kontributi mir-risospensjoni tal-partikolati wara t-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa:**

1. deskrizzjoni tal-metodu li jintuża għall-identifikazzjoni u għall-kwantifikazzjoni tal-kontributi mit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew mit-tixrid tal-melħ fix-xitwa;

2. deskrizzjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2 għall-metodu li jintuża biex jiġu ddeterminati l-kontributi;

3. informazzjoni dwar il-kontroll tal-kwalità u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-metodi applikati u r-referenzi għar-rapporti metodoloġiċi sottostanti;

4. analiżijiet tal-inċertezza assoċjati mal-kwantifikazzjoni, li jirriflettu b'mod ċar il-marġni ta' errur, l-intervalli ta' kunfidenza, jew kwalunkwe miżura statistika rilevanti oħra biex jiġu żgurati l-preċiżjoni u l-akkuratezza tal-kwantifikazzjonijiet.

E. **Evidenza li turi li s-sitwazzjonijiet meta jinqabeż il-valur ta' limitu jkunu dovuti għar-risospensjoni tal-partikolati wara t-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa:**

1. il-lista tad-dati identifikati bħala episodji ta' risospensjoni attribwiti lit-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew lit-tixrid tal-melħ fix-xitwa, inkluż evidenza ta' kif dawn ġew iddeterminati;

2. il-preżenza tat-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew tat-tixrid tal-melħ fix-xitwa qabel ma jinqabeż il-valur ta' limitu kkonċernat;

3. il-validazzjoni tal-kundizzjoni tal-wiċċ xott tat-triq fil-jum meta jinqabeż il-valur ta' limitu kkonċernat;

4. informazzjoni dwar sorsi oħra tal-PM_{10}, inkluż kontributi minn sorsi naturali, li jikkontribwixxu għall-konċentrazzjonijiet għoljin tal-PM_{10}.

F. **Evidenza li turi li ttieħdu miżuri raġonevoli biex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet tal-PM_{10}:**

1. lista u deskrizzjoni qasira tal-prattiki applikati biex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet tal-PM_{10} waqt u wara t-tixrid tar-ramel fix-xitwa jew it-tixrid tal-melħ fix-xitwa;